MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1784/2001/1

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Charmaine Bertalinitz**

**vs**

**Gordon Victor Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin (Lm203), danni sofferti b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Settembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAJ 254 habat mal-vettura GAO 614 misjuqa minn Charmaine Bertalinitz, u ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut minhabba s-sewqan imprudenti tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 6) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fil-25 ta’ Settembru 2000 sehh incident tat-traffiku fil-Marsa, bejn il-vettura tat-tip Polo Volkswagen bin-numru GAO 614 (misjuqa minn Charmaine Bertalanitz) u trukk bin-numru LAJ 254 (misjuq mill-konvenut).

2. Is-sewwieqa taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin.

3. Jirrizulta li kien hemm xhud okulari li rat l-incident isehh (Rachelle Muscat), u kienet f’karrozza wara dik misjuqa minn Charmaine Bertalanitz. Din ix-xhud ikkoraborat il-verzjoni moghtija minn Charmaine Bertalanitz dwar kif sehh l-incident. Ix-xhud qalet: *“jiena kont ninsab vicin dawn iz-zewg vetturi u l-vizwali tieghi kienet cara.* ***Milli niftakar, dan it-trukk dahal fil-gemb tal-karrozza misjuqa minn Charmaine****”* (fol. 47). Ix-xhud ikkonfermat l-affidavit li ghamlet, kopja ta’ liema jinsab a fol. 20 tal-process. In kontro-ezami x-xhud kompliet tghid: ***“jiena t-truck rajtu jaqleb minn lane ghall-ohra****. Il-vettura ta’ Charmaine giet milquta fuq il-parti ta’ wara fil-genb”*. Il-fatt li x-xhud tahdem fl-istess ufficcju ma’ Charmaine Bertalanitz, ma jfissirx b’daqshekk li t-Tribunal m’ghandux jemmen il-verzjoni tal-fatti li tat ix-xhud jew li ghandu jitlaq b’xi pre-koncett li x-xhud mhux ser tghid il-verita. Inoltre, ghalkemm ix-xhud ma ftakritx il-kulur tat-trukk u b’liema parti tat-trukk giet milquta l-vettura Opel Corsa, fil-fehma tat-Tribunal dawn id-dettalji m’humiex daqstant rilevanti ghall-ezitu tal-kawza.

4. Fic-cirkostanzi, il-verzjoni moghtija minn Charmaine Bertalanitz hija iktar verosimili. It-Tribunal ghandu d-dubbji tieghu kemm il-konvenut seta’ jara l-vettura misjuqa

minn Charmaine Bertalanitz tigbed ghal fuqu. Il-konvenut kien qieghed isuq trukk li kif jaf kull hadd huwa hafna iktar gholi mill-vettura misjuqa mill-assigurata tas-socjeta attrici. Jekk kif qal il-konvenut l-impatt sehh bir-rota ta' quddiem tat-trukk, it-Tribunal ma jemminx li minn dak l-gholi l-konvenut setgha jara x'kien qieghed jigri tahtu n-naha l-ohra ta' fejn kien bilqgheda hu.

5. Dwar id-danni reklamati, dawn ma gewx ikkontestati u jirrizultaw sodisfacentement ippruvat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin (Lm203) danni sofferti fl-incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Settembru 2000 gewwa l-Marsa, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**